MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1234/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frans Micallef)**

**(Spettur Spridione Zammit)**

**vs**

**Mario Mifsud ta’ 49 sena iben Alfred u Imperia nee` Micallef imwieled Pieta` fit-28 ta’ Dicembru, 1954 u joqghod Blokk 7, Flat 8, Triq l-Imhallef William Harding Pembroke u detentur ta’ Karta tal-Identita Maltija numru 34665M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar is-16 ta' Dicembru 2013 ghal habta ta' 2.45pm u/jew hinijiet wara waqt li kien bil-vettrua Chevrolet Kalos numru tar-registrazzjoni ABU164 fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa Hal-Luqa u/jew postijiet ohra f'dawn il-gzejjer:

Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-Gwardjani Lokali GO626 Alicia Ciancio u GO630 Maria Mifsud persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' GO26 Alicia Ciancio u GO630 Maria Mifsud persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe` fuq CO626 Alicia Ciancio skond kif iccertifikat Dr. Jennifer Sultana mic-centru tas-Sahha Rahal Gdid.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil GO26 Alicia Ciancio u GO630 Maria Mifsud jaghmlu dak li b'ligi jkun ordnat li jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi meta kien involut f'incident tat-traffiku naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikularitajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-Ligi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi incident lil Pulizija jew gwardjani lokali.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta ma kellux kontroll assolut tal-istess vettura.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluza.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

B'hekk sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija, izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat huwa recediv fuq akkuzi simili.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 96(a), 85(1), 221, 222, 333(ee), 45, 50, 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 67, 68, 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tilibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lil hati milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lil hati garanzija sabiex izomm il-kwiet u l-bon ordni fil-konfront ta' GO626 Alicia Ciancio u GO630 Maria Mifsud taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------